**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 954/97

Godfrey Carmel Xuereb

vs

Chief Government Medical Officer

u Ministru tas-Sahha

Illum 5 ta' April, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta ta' Gunju 1987 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax grant lilu dovut ta' hames mitt lira maltin (Lm500) liema grant kienet dovuta lilu u attwalment ufficjalment imwieghda u approvat lilu sahansitra bil-miktub.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi fis-sena 1985 ir-rikorrent kien gie sponsorjat mid-Dipartiment tas-Sahha sabiex isegwi kors ta' Studju fir-Renju Unit, liema kors kellu

jwassal ghall-grad ta' Bacellerat fix-Xjenza tan-Nutrition u Post Graduate Diploma fid-Dietetics.

Illi bhala parti minn dan il-kors, ir-rikorrent kien obbligat illi jaghmel "project work" go Barbados.

Illi ghal dan il-ghan ir-rikorrent kien talab l-ghajnuna finanzjarja tad-Dipartiment tas-Sahha u dana minn naha tieghu permezz ta' Telegramma datata 16 ta' April 1987 kien wieghed l-ghajnuna ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) (Dok A) lill-istess rikorrent, li minn naha tieghu kellu ikopri l-ispejjez l-ohra ulterjuri.

Illi r-rikorrent ha azzjoni fuq din il-wieghda u approvazzjoni u effettivament ghamel l-arrangamenti kollha sabiex imur ghal dan il-"project work".

Illi gara izda, illi tlett ijiem qabel ma siefer ghal dan il-project work (u dana wara bidla fil-Gvern f'Malta), minghajr ebda pre-avviz u bla ebda gustifikazzjoni ta' xejn ir-rikorrent gie mgharraf illi fil-fatt id-Dipartiment tas-Sahha ma riedx li jaghti l-ghajnuna mwieghda u diga approvata lir-rikorrent (Dok B).

Illi bhala rizultat ta' dan, ir-rikorrent spicca biex sofra danni finanzjarji a spejjez tieghu ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) oltre l-ispejjez l-ohra li kien jaf bihom u dana bl-aktar mod ingust u bla raguni.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness, li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib bi prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi (i) jigi dikjarat illi r-rikorrent sofra ngustizzja meta huwa bl-aktar mod ingust gie mcahhad mill-grant ta' Lm500 lilu dovut u gia mwieghed u approvat lilu u (ii) jigi ordnat li jinghata kumpens ta' Lm500.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern u l-Ministru tas-Sahha, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja li eccepew:-

Illi ix-xoghol li kellu jsir il-Barbados kien fuq bazi volontarju u ghalhekk l-ispejjez necessarji sabiex jsir dan ix-xoghol ma kienux koperti bil-flus tal-borza ta' studju li kienu diga allokati ghar-rikorrent.

Illi minhabba dan kollu id-Dipartiment tas-Sahha ma kienx f'posizzjoni illi japprova o meno il-hlas ta' dawk l-ispejjez unilateralment u ghalhekk kuntrarju ghal dak li qed jigi allegat ma sar l-ebda "committment" da parti tad-Dipartiment li jhallas lir-rikorrent is-somma ta' Lm500.

Ghaldaqstant l-intimati talbu lil dan t-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Zied li sa mis-sena 1985 kien qieghed jigi sponsorjat mid-Dipartiment tas-Sahha sabiex isegwi kors ta' studju fir-Renju Unit, liema kors kellu jwassal ghall-grad ta' Baccellerat fix-Xjenza tan-Nutrition u post graduate Diploma fid-Dietetics. Illi bhala parti integrali minn dan il-kors hu kien obbligat fost ohrajn illi jaghmel "project work". Illi ghal dan il-ghan id-Dipartiment tas-Sahha kien ikkommetta lilu nnifsu bil-miktub, kif irrizulta ahjar mit-telegramma datata16 t'April 1987 mmarkata Dok A, illi jaghtuh bhala ghajnuna, sabiex inkopri parti mill-ispejjez relatati ma dan il-"project work" is-somma ta' Lm500. Fuq dan il-committment bil-miktub tad-Dipartiment tas-Sahha ir-rikorrent ghamel l-arrangamenti necessarji. Izda, tlett ijiem biss qabel ma fil-fatt sifer fuq dan il-Project-work u dana effettivament, wara bidla fil-Gvern, minghajr ebda preavviz ta' xejn u minghajr assolutament ebda forma ta' gustifikazzjoni gie mgharraf illi d-Dipartiment tas-Sahha ma riedx jaghtih l-ghajnuna illi l-istess Dipartiment tas-Sahha kien qabel ikkonferma illi ser jaghtih. Illi f'cirkustanzi bhal dawn hu ma kellu ebda ghazla ohra ghajr li jipprocedi bil-"project work" kollu a spejjes tieghu.

Meta xehed semma li l-progett li ried jaghmel f'pajjiz esteru kien parti essenzjali mill-bacellerat fix-xjenza tan-nutrition.

Frank Attard li jahdem id-Dipartiment tas-Sanita` bhala Senior Principal il-Human Resources xehed li r-rikorrent intaghazel wara li harget call for applications ghal dan il-kors. Godfrey Carmel Xuereb huwa Professional Officer Dietician. Id-dipartiment kellu l-lista kollha ta' xiex jinvolvi l-kors. Id-dipartiment kien hallas l-ispejjez kollha tal-kors. Il-kors kellu jsir il-King' s College l-Ingilterra.

Il-mawra f' Barbados kienet project work ghall-kors u ma jidhirx li din il-mawra kienet prevista originarjament fil-file. Propjament id-dipartiment ma kienx infurmat meta harget is-sejha. Kien ir-rikorrent stess li ssuggerixxa li jmur Barbados ghal dan il-progett. Ma jidhirx li kien impost minn King' s College. Kienet saret korrispondenza bejn id-dipartiment u King' s College, King's College kien semma li progetti bhal dawn huma ta' natura volontarja. Ikkonferma li kienet fil-fatt saret il-fax li tidher a fol 4 tal-process. B'riferenza ghall-ittra li tinsab a fol 5 tal-process datata 12 ta' Gunju 1987 din l-ittra giet mibghuta mill-High Commission u fil-fatt ma tidhirx kopja taghha fil-file in kwistjoni. Ikkonferma li fil-fatt King's College kien hareg id-dokumenti li jinsabu a fol 14 u 16 minn fejn jirrizulta li "In the final year students take 4 course units and the Country Project accounts for a half course unit, so you can see it makes a considerable contribution to the final year mark".

Ikkunsidra

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent mar kors ta' studju, u parti voluntarja izda importanti tal-kors kienet tikkonsisti fi progett. Ir-rikorrent talab l-ispejjez ghal dan il-progett u fis-16 ta' April, 1987 gie imwieghed LM 500 ghal dan l-iskop. Izda minghajr raguni valida moghtija fit-12 ta' Gunju, 1987 id-Dipartiment tas-Sahha reggha bidel id-decizzjoni. Dan kien biss ftit qabel ma ir-rikorrent telaq jaghmel research work. Fil-frattemp kien hemm il-bidla fil-Gvern. Fil-fehma tat-Tribunal hawn saret ingustizzja kif definita fl-Att VIII tal-1997. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li t-talba tidher gustifikata, it-Tribunal jilqaghha, u jirrikmanda hlas ta' kumpens fl-ammont ta' hames mitt lira [LM 500] lir-rikorrent.

Spejjez kontra l-intimat.